A.L. 126 ta' l-2011

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u Sorsi Rinovabbli tal-Enerġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u Sorsi Rinovabbli tal-Enerġija, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2010 dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u Sorsi Rinovabbli tal-Enerġija, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 92 ta' l-2010.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu, għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u Elettriku, Tiswin u, jew Tkessiħ minn Sorsi Rinovabbli tal-Enerġija."; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "sorsi rinovabbli tal-enerġija." għandhom jidħlu l-kliem "sorsi rinovabbli tal-enerġija u, għall-finijiet li jiġu provduti lill-konsumaturi aħħarin il-kwota jew kwantità ta' enerġija minn sorsi rinovabbli f'taħlita ta' enerġija tal-provditur tal-enerġija biex jiġi żgurat li l-oriġini ta' elettriku prodott minn

sorsi rinovabbli tal-enerġija tkun tista' tiġi garantita skond kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. Dawn ir-regolamenti jittrasponu wkoll l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu ta' enerġija minn sorsi rinovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini" tfisser dokument elettroniku li jinħareġ mill-Awtorità li għandu l-unika funzjoni li jistabbilixxi prova lil konsumatur aħħari li kwota jew kwantità speċifika ta' enerġija ġiet prodotta minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jew li kwota jew kwantità speċifika ta' elettriku, tisħin u, jew tkessiħ ġiet prodotta minn sorsi rinovabbli ta' enerġija;";

(b) minflok it-tifsira "dikjarazzjoni ta' dritt" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "dikjarazzjoni ta' dritt" tfisser dikjarazzjoni li ssir lill-Awtorità f'dak li għandu x'jaqsam mal-elettriku, it-tisħin u, jew it-tkessiħ li jkunu s-suġġett tal-applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "dikjarazzjoni ta' dritt" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "enerġija" tfisser kull forma ta' enerġija disponibbli, li tkun tinkludi elettriku, tisħin, tkessiħ, gass *petroleum* likwefatt, kull karburant għat-tisħin u tkessiħ, faħam u karburanti għat-trasport;

"enerġija minn sorsi rinovabbli" tfisser enerġija minn sorsi rinovabbli, jiġifieri enerġija mir-riħ, mix-xemx, erotermali, ġeotermali, idrotermali u mill-oċean, qawwa mill-baħar jew ilma, biomassa, gass minn *landfill*, gass minn impjant għat-trattament tad-drenaġġ u biogass;

"fornitur tal-enerġija" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Biokarburanti;"; A.L. 553 tal-2010.

(d) minnufih wara t-tifsira "koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "konsumatur aħħari" tfisser persuna naturali jew ġuridika li tkun tikkonsma jew tixtri l-enerġija għall-użu tagħha u mhux għall-finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa jew bejgħ bl-imnut;";

(e) minnufih wara t-tifsira "il-Ministru" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "produttur tal-enerġija għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Biokarburanti;"; u

(f) t-tifsira "sorsi rinovabbli tal-enerġija" għandha tiġi mħassra.

4. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "għolja u, jew" għandhom jidħlu l-kliem "lil produtturi tal-elettriku, tisħin u, jew tkessiħ". Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kelma "elettriku" kull fejn din tinsab, għandhom jidħlu l-kliem ", tisħin u, jew tkessiħ". Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok is-subregolament (2), għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-Awtorità għandha toħroġ ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini fir-rigward ta' elettriku li jkun prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew lil produtturi ta' elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li jkunu prodotti minn sorsi rinovabbli tal-enerġija filwaqt li tingħata mportanza lil dan li ġej:

(a) tkun ġiet riċevuta l-applikazzjoni skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) meta tkun sodisfatta li l-elettriku li dwaru tkun qegħda ssir l-applikazzjoni jkun qiegħed jiġi prodott b'mod xieraq minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja; jew

(ċ) meta tkun sodisfatta li l-elettriku, tisħin jew tkessiħ li dwarhom tkun qegħda ssir l-applikazzjoni jkunu qegħdin jiġu prodotti b'mod xieraq minn sorsi rinovabbli tal-enerġija.";

(b) fis-subregolamenti (4) u (7) minnufih wara l-kelma "elettriku" kull fejn din tinsab, għandhom jidħlu l-kliem "tisħin u, jew tkessiħ";

(ċ) fis-subregolament (5) minnufih wara l-kliem "għolja u, jew" għandhom jidħlu l-kliem "elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li jiġu prodotti" u minnufih wara l-kliem "*megawatt* fis-siegħa ta' elettriku" għandhom jidħlu l-kliem ",tisħin u, jew tkessiħ";

(d) minnufih wara s-subregolament (7), għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(8) L-Awtorità tista' tistabbilixxi limitu minimu ta' kapaċità meta tqis l-unità ta' enerġija taċ-ċertifikati ta' garanziji ta' oriġini.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

7. Is-subregolament (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafi (ċ) u (e), minnufih wara l-kelma "elettriku" għandhom jidħlu l-kliem "tisħin u, jew tkessiħ"; u

(b) il-paragrafu (d) għandu jiġi mħassar; u

(ċ) il-paragrafi (e) u (f) għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala paragrafi (d) u (e) rispettivament.

Iżid ir-regolamenti 11 u 12 ġodda mar-regolamenti prinċipali.

8. Minnufih wara r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Meta jiskadi ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

11. (1) Iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini minn sorsi rinovabbli ta' enerġija għandu jintuża fi żmien tnax-il xahar minn meta tiġi prodotta l-unità ta' enerġija korrispondenti.

(2) Ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini għandu jiġi mħassar mill-Awtorità wara li dan ikun intuża.

Rifjut għal sostenn lill-produtturi tal-enerġija.

12. L-Awtorità tista' teħtieġ li ma jingħata ebda sostenn lil produttur tal-enerġija li jkun irċieva ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini għall-istess produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinovabbli.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

9. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu 3 għandu jidħol dan li ġej:

"3. Kemm jekk il-persuna li tkun talbet il-ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini tkun il-produttriċi ta' elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li dwaru ċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun qiegħed jiġi mitlub, u anke jekk ma tkunx, l-isem u l-indirizz, u jekk tkun kumpannija, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur.";

(b) minflok il-paragrafi 5 u 6 għandu jidħol dan li ġej:

"5. Il-post fejn l-elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li dwaru jkun qiegħed jiġi mitlub iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini, ikun qiegħed jiġi prodott u l-isem, jekk ikollu, tat-tip ta' impjant li jkun jiġġenera u, jew jipproduċi l-elettriku, u l-ewwel data operattiva ta' l-impjant.

6. Il-kwantità ta' elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li dwaru jkun qiegħed jiġi mitlub iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini, flimkien mal-kwantità totali ta' elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li jkun qiegħed jiġi prodott mill-impjant matul il-perjodu kopert bl-applikazzjoni."; u

(ċ) minflok il-paragrafu 8 għandu jidħol dan li ġej:

"8. Meta elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li dwaru tkun qegħda tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini, jkun ġie prodott minn sorsi rinovabbli tal-enerġija:

(a) is-sors jew sorsi ta' enerġija ta' elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li jkun qiegħed jiġi prodott; u

(b) il-kapaċitajiet netti tal-installazzjoni li jkunu dikjarati, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull sors ta' enerġija tal-elettriku, it-tisħin u, jew it-tkessiħ li jkun qiegħed jiġi prodott.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

10. Minflok il-paragrafi 5, 6, 7 u 8 tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"5. Il-post fejn l-elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li dwaru jkun qed jintalab iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini, ikun qed jiġi prodott, u l-isem, jekk ikollu, tal-impjant.

6. Il-kwantità totali ta' elettriku, tisħin u, jew tkessiħ ġenerat matul il-perjodu li jkun japplika għaċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

7. Is-sors jew sorsi tal-elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li jkun qed jiġi prodott.

8. Il-kapaċitajiet netti tal-installazzjoni li jkunu dikjarati f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull sors ta' enerġija tal-elettriku, tisħin u, jew tkessiħ li jkun qed jiġi prodott.".